**157. Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartolo, ippropona:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lil Marsa Football Club b'titolu ta' enfitewsi temporanju, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, għall-iskop, bil-kanoni taċ-ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut  illi l-proprjetà fuq imsemmija fil-Marsa, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim anness immarkat bħala Dok A u li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanju lil Marsa Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

04.07.2018